# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2016**

**Numru**

**Rik. Ġur. Nru. 271/07/RCP**

**Air Malta plc**
**u**
**Shield Insurance Company (Guernsey) Limited**

**v.**

**Malta International Airport plc**

**1.** Dan hu provvediment mogħti fuq rikors tas-soċjetajiet appellati Air Malta plc u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited preżentat fl-20 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu in vista tal-Artikolu 145 tal-Kap. 12 u anki fl-aħjar interess tal-ġustizzja is-soċjetajiet imsemmija talbu li din il-Qorti tawtorizzahom jesebixxu d-dokument *exhibit A* li jallegaw jifforma parti integrali mill-kuntratt emfitewtiku esibit bħala Dok. A u li per

prudenza u b'rispett lejn din il-Qorti huma ma esibewx mar-risposta tal-appell tagħhom kif jippermetti l-Artikolu 145 fuq imsemmi u minflok ressqu r-rikors imsemmi.

**2.** Il-Qorti rat id-digrieti tagħha tal-21 ta' Awwissu 2012 u tal-11 ta' Settembru 2012 fuq l-istess rikors (fol. 411 *tergo*) u rat id-digrieti l-oħra u l-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

**3.** Is-soċjetajiet rikorrenti jallegaw li huma kienu esibew mar-rikors promotur quddiem l-ewwel Qorti id-dokument *Exhibit A* fuq imsemmi konsistenti f'"Terms and Conditions of Managment" iżda, skont ir-rikorrenti, jidher li dan l-*Exhibit A* intilef għaliex mhuwiex qiegħed fil-proċess.

**4.** Il-Qorti rat ir-risposta tal-Malta International Airport plc tat-3 ta' Settembru 2012 għar-rikors tas-soċjetajiet appellati tal-20 ta' Marzu 2012 kif ukoll in-nota tas-soċjetajiet appellati tal-5 ta' Settembru 2012. Rat ukoll in-nota tal-Malta International Airport plc tal-15 ta' Frar 2016 u dik tas-soċjetajiet appellati tas-17 ta' Frar 2016 kif ukoll in-nota tas-soċjetajiet appellati tas-26 ta' April 2016. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar ir-rikors tas-soċjetajiet appellati tal-20 ta' Marzu 2012 u rat l-atti kollha tal-kawża. Rat il-verbal tad-19 ta' April 2016.

**Ikkonsidrat**:

**5.** Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju s-soċjetajiet rikorrenti għamlu riferenza għall-att pubbliku tas-26 ta' Lulju 2002 u jingħad li l-istess att pubbliku kien qiegħed jiġi anness mar-rikors bħala Dok. 'A'. Effettivament l-att pubbliku imsemmi jinsab esibit mar-rikors promotorju bħala Dok. A iżda mal-imsemmi Dok. A ma jinsabx anness l-*Exhibit A* li għalih hemm riferenza fl-att pubbliku Dok. A fil-klawżola 11(1) tiegħu u li skont l-istess klawżola kien fih it-*Terms and Conditions of Management* u li *"shall be construed and shall constitute an integral part of this Deed as if they were written in the main body hereof".*

***6.*** Ma tqajjmet ebda kwistjoni dwar ir-regolarita` tal-esibizzjoni tal-att pubbliku Dok. A li effettivament ġie esibit mar-rikors promotorju tal-ġudizzju. Il-Qorti hi sodisfatta li l-*Exhibit A* li kellu jkun anness mal-att pubbliku Dok. A qatt ma kien effettivament hekk anness mal-att pubbliku Dok. A u għalhekk qatt ma kien jifforma parti mill-atti ta' din il-kawża. B'danakollu, la darba l-att pubbliku Dok. A ġie regolarment esibit fl-atti ta' din il-kawża u għalhekk irid ikompli jifforma parti mill-istess atti huwa d-dover ta' din il-Qorti – u kien ukoll id-dover tal-ewwel Qorti – li tassigura li l-istess dokument ikun dak genwin u awtentiku u jkun dak integru, u dan apparti kull konsiderazzjoni oħra. Peress li skont l-istess att pubbliku Dok. A l-*Exhibit A "shall be construed and shall constitute*

*an integral part of this Deed as if they were written in the main body hereof"* l-att pubbliku Dok. A jrid neċessarjament ikun akkompanjat bl-*Exhibit A.*

***7.*** Għaldaqstant tilqa' t-talba miġjuba fir-rikors tas-soċjetajiet appellati tal-20 ta' Marzu 2012 u tordna li jiġi esibit l-*Exhibit A* li għalih hemm riferenza fl-att pubbliku Dok. A.

***8.*** L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a karigu tas-soċjetajiet appellati solidament bejniethom.

| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
df